**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 18 ta’ Lulju 2017

# IS-SEBA’ LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 61**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 61 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 24 ta’ Lulju 2017 fit-3pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

61.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
61.5 Rapporti;
61.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
61.7 Aġġornament dwar il-bini ta’ kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
61.8 Immaniġġjar tat-traffiku fi Triq it-Tempesta;
61.9 Skemi tentattivi li jista’ japplika għalihom il-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
61.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
61.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-61 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:45pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 61.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

61.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

## 61.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

61.2.1 Il-Minuti tas-60 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Charles Zerafa.

61.2.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti.

61.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 61.3, 61.4 u 61.5 jiġu diskussi wara Minuta 61.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 61.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

61.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-permess tal-Awtorità għall-Ippjanar mistenni li jinħareġ komplut sa Settembru li ġej, minħabba li kienu saru xi tibdiliet fejn jidħol il-bandli u dawn għadhom iridu jiġu approvati.

61.6.2 Qal li matul il-ġurnata t'għada se ssir laqgħa mal-kuntratturi/kumpaniji prospettivi skont kif hemm fis-sejħa għall-offerti, u dawn il-kuntratturi/kumpaniji se jkunu jistgħu jistaqsu l-mistoqsijiet li hemm

bżonn.

61.6.3 Żied li se jattendi wkoll il-Perit tal-Kunsill Lokali fuq dan il-proġett, il-Perit Henry Attard.

## 61.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI

61.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol fuq il-kmajra kien mistenni li jibda matul il-ġimgħa li għaddiet, imma sfortunatament il-kuntrattur kellu bżonn intervent mediku urġenti u allura se jkollna nistennew ftit sakemm jinbeda x-xogħol fuq din il-kmajra.

61.7.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk kemm-il darba jitlesta' l-bini tal-kmjara, tkunx tista' tiġi installata l-ATM mill-ewwel.

61.7.3 Is-Sindku wieġeb li għalkemm kollox jindika li malli titlesta' l-kmajra tiġi installata l-ATM, xorta waħda jkollna nistennew ftit sakemm jingħaddu s-servizzi meħtieġa sabiex din il-magna tkun tista' taħdem.

61.7.4 Qal li l-applikazzjonijiet għas-servizzi ma jistgħux isiru qabel ma titlesta' l-kmajra.

## 61.8 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ IT-TEMPESTA

61.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li saret laqgħa mal-Perit Susanne Bonello minn Transport Malta dwar ir-roundabout li għandna fil-Qrendi u dan wara li waslulhom xi lmenti.

61.8.2 Qal li minn din il-laqgħa ħareġ li Transport Malta qegħdin jikkunsidraw li jirranaġaw id-disinn ta' din ir-roundabout, filwaqt li min-naħa tagħna

sħaqna li jekk kemm-il darba r-roundabout tiġi rranġatha, il-*foot print* tagħha għandu jibqa' kif inhu minħabba li għadna kif irranġajniha aħna.

61.8.3 Żied li matul din il-laqgħa tkellimna wkoll dwar il-problemi tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq it-Tempesta, b'mod speċjali f'kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq u kantuniera ma' Triq Antonio Chircop.

61.8.4 Spjega kif bħala Kunsill Lokali urejnihom il-proposti li kellna quddiemna u bqajna li dawn il-proposti se jiġu studjati aħjar u se nkunu qegħdin nistudjaw possibiltajiet kif il-veloċità tkun tista' titnaqqas bl-inqas interventi possibbli kif ukoll tissolva l-problema ta' min għandu d-dritta fl-użu tat-triq.

61.8.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fil-biċċa fejn Triq it-Tempesta tiġi f'kantuniera ma' Triq Antonio Chircop, tista' ssir *central strip* u r-roundabout li kien ippropona l-Kunsill Lokali ssir f'kantuniera ma' Triq Massabielle u għalhekk nibdlu d-dħul lejn iċ-ċentru tal-Qrendi.

61.8.6 Żied li dan ikun ifisser li minn Triq Antonio Chircop ikun jista' jsir biss inżul lejn Triq it-Tempesta.

61.8.7 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin naraw biex se jiġu Transport Malta mbagħad immexxu minn hemm.

## 61.9 SKEMI TENTATTIVI LI JISTA' JAPPLIKA GĦALIHOM IL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

61.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna laqgħa ma' GAL Xlokk fejn fiha tkellimna dwar l-inizjattivi li jistgħu jinħarġu fil-futur.

61.9.2 Qal li minn dak li tkellimna, jista' jkun li joħorġu xi skemi ta' tisbiħ ta' żoni rurali u *green areas*.

61.9.3 Fisser kif permezz ta' skema simili nkunu nistgħu nieħdu ħsieb iż-żona ta' Triq il-Panorama kantuniera ma' Triq Wied iż-Żurrieq u kantuniera

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ma' Triq Ħaġar Qim.

61.9.4 Qal li bħala baġit mhuwiex se jkun xi wieħed kbir ħafna, imma meta toħroġ din l-iskema nkunu nistgħu naraw u niddefinixxu għal liema proġett se nidħlu.

61.9.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar skema oħra li tista' toħroġ, li sservi bħala promozzjoni għat-turiżmu u probabbli li permezz ta' din l-iskema nkunu nistgħu nibdlu t-tabelli informattivi li għandna madwar il-Qrendi u nagħmluhom aktar b'saħħithom għall-elementi.

## 61.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

61.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-lokalità ta' Vigonovo f'Venezia, l-Italja, jixtiequ li jagħmlu proġett t'integrazzjoni, kemm ma' persuni b'abiltajiet differenti kif ukoll ma' persuni ta' razez differenti.

61.3.1.1 Qal li dawn bħalissa qegħdin ifitxxu partners Ewropej u dan sabiex ikunu jistgħu jiffirmaw *memorandum of understanding*.

61.3.1.2 Spjega kif l-ispejjeż biex wieħed jieħu sehem f'dan il-proġett huma minimi ħafna u b'kollox ikunu jistgħu jitilgħu f'Vigonovo madwar għaxar (10) persuni, dejjem jekk dan il-proġett ikun approvat mill-Unjoni Ewropea.

61.3.1.3 Is-Sindku ppropona li għandna nidħlu għal din l-inizjattiva u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta.

61.3.1.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

61.3.2 Is-Sindku tkellem dwar sitwazzjoni preżenti fi Triq Lourdes u qal li waslitilna talba sabiex issir *No waiting zone* fin-naħa ta' ġewwa ta' din it-triq li tispiċċa tagħlaq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

61.3.2.1 Qal li kif qiegħed isir l-ipparkeġġjar illum qed jagħmilha diffiċli ħafna li xi residenti anke jidħlu fir-residenza privata tagħhom.

61.3.2.2 Żied li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin inressqu talba lil Transport Malta sabiex naraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni f'dan ir-rigward.

61.3.3 Is-Sindku tkellem dwar tliet talbiet differenti għal parkeġġi riservati fi Triq il-Kbira, Triq Mikiel Ciantar u Triq it-Tempesta.

61.3.3.1 Qal li t-tliet talbiet huma ġenwini u dan minħabba li jikkonċernaw jew persuni anzjani nkella persuni li għandhom bżonnijiet speċifiċi.

61.3.3.2 Spjega kif min-naħa tiegħu qiegħed jipproponi li dawn it-talbiet jiġu aċċettati mill-Kunsill Lokali u jitressqu quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

61.3.3.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda dawn it-talbiet.

61.3.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

61.3.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret fil-Ministeru għat-Turiżmu u li kienet titratta dwar Wied iż-Żurrieq.

61.3.4.1 Qal li ġiet identifikata l-lista ta' prioritajiet f'Wied iż-Żurrieq, u li kif inhuma mniżżlin l-affarijiet fil-lista ma jfissirx li dak li hemm l-ewwel huwa tal-aktar prijorità:

1) Car Park
2) Torri Xutu
3) Latrini Pubbliċi
4) Għoti ta' wiċċ ġdid ta' tarmak fejn hemm il-*boathouses*
5) Sistema tad-drenaġġ
6) Immaniġġjar tat-traffiku

61.3.4.2 Qal li dawn il-punti u prioritajiet jinkorporaw it-tisbiħ taż-żona kollha, kif ukoll l-aċċesibiltà tan-niżla ta' Triq Congreve.

61.3.4.3 Fisser kif inħoloq kumitat ta' ħidma għal dan il-għan sabiex jiġu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

evalwati l-punti kollha mniżżla u kif għandhom isiru bħala prijorità.

61.3.5 Is-Sindku tkellem dwar is-sistema ta' wifi madwar ir-raħal tal-Qrendi.

61.3.5.1 Qal li fil-preżent diġa' aħna mwegħdin li se jsiru *hot spots* fi Triq Rokku Buhagiar, Misraħ Santa Marija u Misraħ il-Maqluba.

61.3.5.2 Spjega kif taħt din l-applikazzjoni, nistgħu forsi napplikaw għal Wied iż-Żurrieq, sabiex isir il-wifi f'żewġ żoni differenti sabiex anke din iż-żona turistika tkun attrezzata bil-wifi.

61.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-pjan ta' tliet snin li jrid jipprepara l-Kunsill Lokali minħabba l-attivitajiet kulturali.

61.3.6.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fadal biss l-aħħar ftit irtokki qabel inkunu nistgħu nissottomettu l-applikazzjoni tagħna.

61.3.6.2 Fisser kif fl-applikazzjoni li qiegħda tiġi ippreparata, qegħdin inħarsu aktar lejn il-Festival Agrarju tal-Patata fuq livell internazzjonali u qed naħsbu wkoll fuq il-livell li ndaħħlu aktar it-turiżmu reliġjuż, ġaladarba dejjem ikollna l-Kappella ta' San Mattew miftuħa.

61.3.6.3 Qal li anke fuq l-aspett artistiku, qegħdin nippjanaw li jkollna tipi u stili t'arti differenti.

61.3.6.4 Spjega wkoll li qegħdin naħsbu li fil-parti fejn ikun hemm il-*Kids Area* nagħtuha aktar laqta attiva minn dik li jkollna s-soltu, u allura qegħdin naħsbu li nkunu nistgħu nagħmlu aktar crafts bil-patata.

61.3.6.5 Fisser kif bħala applikazzjoni ma tikkonċernax biss lill-Qrendi, imma qegħdin nippruvaw ninvolvu wkoll lill-irħula li jinsabu viċin tagħna u huma parti mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

61.3.6.6 Żied li anke bħala features, se nitkellmu mal-MCAST sabiex ikollna l-għajnuna tal-istudenti u flimkien inkunu nistgħu nipproduċu features qosra differenti li jkunu għaddejjin matul il-ġurnata.

61.3.6.7 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud ipproponiet li nistgħu nagħtu aktar laqta folklorista lill-Festival Agrarju tal-Patata.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

61.3.6.8 Żiedet li bħala Festival jista' jibda jingħata tema differenti kull sena.

61.3.6.9 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia qalet li rridu naraw kif se nolqtu aktar liż-żgħażagħ b'mod dirett, billi jekk dejjem huwa possibbli, anke jkun hemm żona fejn tindaqq mużika li probabilment tolqot lil kulħadd.

61.3.6.10 Qalet li ta' min wieħed jaħseb f'*fire jugglers* li jagħtu spettaklu, kif ukoll bands li jkunu għadhom jibdew u li l-istil tagħhom ikun jappella ħafna għaż-żgħażagħ.

61.3.6.11 Barra minn hekk, żiedet li din tista' tkun żona minn fejn jinbiegħu affarijiet magħmula bl-idejn li huma wkoll popolari maż-żgħażagħ.

6.3.7 Is-Sindku tkellem dwar komunikazzjoni li kellu mas-Sur Joseph Lia dwar attivitajiet kulturali.

6.3.7.1 Qal li s-Sur Lia jixtieq jagħmel xi *recitals* fil-Qrendi permezz tal-orgni, minħabba l-ammont ta' kappelli u l-Knisja Parrokjali li nsibu hawnhekk.

6.3.7.2 Fisser kif is-Sur Lia għandu l-idea li jsiru *recitals* bl-orgni fil-Knisja Parrokjali, fil-Kappella ta' San Mattew u anke fit-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

6.3.7.3 Spjega kif jekk kemm-il darba l-proposti tas-Sur Lia jkunu milqugħa, dawn jagħtuna aktar popolarità matul is-sena 2018, b'mod speċjali meta se nkunu qed niċċelebraw il-Valletta18 u l-400 sena Parroċċa.

6.3.8 Is-Sindku tkellem dwar *clean-up* li ser issir minn *Let's Do It Malta*.

6.3.8.1 Hawnhekk huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera Sant Mifsud sabiex tieħu ħsieb din l-inizjattiva minħabba li dejjem uriet ix-xewqa li torganizza *clean-up day*.

6.3.8.2 Ippropona li għandna nsemmu ż-żoni ta' Ħal Lew kif ukoll nipproponu l-kosta ta' mal-baħar, b'mod speċjali min-Nuffied sa Halq it-Tafal kif ukoll Wied iż-Żurrieq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.3.9 Is-Sindku tkellem dwar Ċirkulari Numru 9/2017, bit-titlu **Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund.***

6.3.9.1 Qal li din l-inizjattiva titratta l-għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq li huma fir-responsabilità tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant huwa qiegħed jipproponi li napplikaw għal Triq iċ-Ċimiterju.

6.3.9.2 Spjega kif permezz t'hekk inkunu qegħdin nolqtu żewġ Kunsilli Lokali minħabba li Triq iċ-Ċimiterju tinsab fil-konfini taż-Żurrieq imma min-naħa l-oħra hija t-triq li tinsab quddiem iċ-ċimiterju tal-Qrendi.

6.3.10 Is-Sindku tkellem dwar talba għal *road humps* fi Triq is-Siġġiewi li waslitilna mis-Sa Natalie Spiteri.

6.3.10.1 Qal li għadna kif għamilna tliet *road humps* f'din it-triq, biss mit-talba tas-Sa Spiteri rridu ninnutaw li l-punt A immarkat fuq il-pjanta mibgħuta ma jagħmilx mal-konfini tal-Qrendi, filwaqt li dwar punt B se nkunu qegħdin nitkellmu ma' Transport Malta sabiex naraw jekk ituniex permess nagħmlu *road hump* oħra.

6.3.11 Is-Sindku tkellem dwar talba li waslet mis-Segretarju tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija permezz t'e-mail intitolata **Tabelli fejn il-każin.**

6.3.11.1 Spjega kif jekk kemm-il darba t-talba tas-Soċjetà tintlaqa' u ssir mal-bankina, din ma tkunx tidher u l-effett tagħha jintilef, filwaqt li jekk se ssir 'il barra minn mal-ħajt din se tkun ta' żgombru fuq il-bankina.

6.3.11.2 Għaldaqstant is-Sindku qal li għandna nibagħtulhom lura u ngħidulhom sabiex joħorġu b'alternattivi oħra ta' x'jistgħu jagħmlu għalkemm jidher li hija diffiċli ħafna.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 61.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

61.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ maġenb il-*bring-in sites* li għandna fil-Qrendi.

61.4.1.1 Qal li forsi wasal iż-żmien ukoll li ninstallaw is-sistema tal-kameras maż-żoni fejn għandna dawn il-*bring-in sites*.

61.4.1.2 Is-Sindku David Schembri wieġeb li l-kuntrattur tal-knis imur ta' spiss sakemm jiknes madwar dawn il-*bring-in sites*.

61.4.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq Cagliares u qal li waslulu rapporti li hemm min qiegħed jaqdi d-dmirijiet personali tiegħu fil-bidu ta' din it-triq.

61.4.3 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud qalet li avviċinawha xi persuni biex jilmentaw għaliex il-*patching* fi Triq Rokku Buhagiar sar ftit jiem wara l-festa tal-Madonna ta' Lourdes u mhux qabel.

61.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li din il-mentalità trid tinqata' jekk xi xogħol tal-Kunsill Lokali jsirx qabel jew wara xi festa.

61.4.3.2 Qal li ma jistax ikun li l-Kunsill Lokali jieqaf b'xogħlu minn nofs Ġunju sal-aħħar t'Awwissu għax f'raħalna jkollna l-festi.

61.4.3.3 Spjega kif kieku kellu jsir ix-xogħol fi Triq Rokku Buhagiar fil-jiem ta' qabel il-festa ta' Lourdes żgur li konna naqilgħu ħafna kritika għax ix-xogħol kien isir il-Ħamis jew il-Ġimgħa fil-ġimgħa tal-festa u kien joħloq inkonvenjent kbir għar-residenti kif ukoll kienet issir ħsara lill-armar tal-festa.

61.4.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa jekk il-każin tal-PN Qrendi jistax jagħmel ikla fis-26 t'Awwissu 2017 f'Wied iż-Żurrieq.

61.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba dan isir iridu jsiru l-permessi neċessarji bħalma jsiru f'okkażjonijiet oħra u li trid tiġi esegwita l-*bye-law* ippubblikata mill-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 61.5 RAPPORTI

61.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar iż-żjara li saret f'Għawdex ftit tal-jiem qabel u li din kienet ta' suċċess.

61.5.2 Qal li fil-preżent qiegħed jippjana, sabiex kif sar fl-aħħar snin, issir mawra għal Għawdex filgħaxija u ppropona d-data tal-Ġimgħa 25 t'Awwissu 2017.

## 61.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

61.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €50,552.46 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/17 u €57.34 skont il-*Petty Cash* Ref U/07.

61.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

61.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

61.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 61.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

61.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 t'Awwissu 2017 fis-2pm.

61.12.2 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ressqet 'il quddiem din il-proposta li kienet issekondata mill-Kunsillier Olympia Sant Mifsud.

61.12.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |